# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ TAŻ-ŻGĦAR 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ________________________________ Klassi: __________

Istruzzjonijiet lill-istudenti:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA

SKEMA TA' MARKI

| **Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **F(i)** | **F(ii)** | **Ġ** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marki** | 7 | 23 | 6 | 6 | 6 | 10 | 22 | 20 | 100 |
| **Marki ta' l-istudent/a** | | | | | | | | | |

KUMMENTI

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.

# INSEBBĦU L-ĠNIEN TAGĦNA

Il-ġnien tad-dar nistgħu narmawh b'għamara differenti biex nagħtu dehra ħajja u mill-isbaħ. Nistgħu nsebbħuh b'bankijiet, dwal, kannizzati, qsari, funtani u statwi. Ejjew flimkien nagħtu ħarsa lejn dak kollu li jista' jagħmel il-ġnien tagħna iżjed interessanti. (*par. 1)*

Ta' min isemmi l-ewwel il-bankijiet. Dawk l-aktar antiki kienu jkunu tal-ġebel. Fil-ġonna iżda, hawn min juża bankijiet ta' l-injam jew inkella frejm tal-ħadid filwaqt li fejn toqgħod bilqiegħda u d-dahar ikunu ta' l-injam. Bankijiet oħrajn isiru minn zkuk tas-siġar. Hawn min jisserra zokk ta' siġra minn tulu u jqiegħdu fuq biċċtejn zkuk oħra ħalli jerfgħuh mill-art. Hawn min jaqta' roti minn zokk oħxon minflok juża bank twil biex jifforma bħal banketti. Fil-ġnien, b'mod speċjali fil-ħajja mgħaġġla ta' llum, wieħed ifittex li jsib il-kwiet. Għalhekk daħlet sewwa d-drawwa li wieħed juża bankijiet tal-ħadid li jiddendlu u jitbandlu filwaqt li fuqhom ikollhom tinda tad-drapp. Għal min forsi ma jridx jonfoq daqshekk, wieħed jista' juża xibka soda li tiddendel. (*par. 2*)

Il-ħajja tal-ġnien ma titgawdiex biss matul il-ġurnata waqt id-dawl tax-xemx. Bi ftit tal-ħsieb wieħed jista' jgawdi l-ġnien ukoll meta jidlam. Għal dan ikun meħtieġ id-dawl elettriku. Hawn diversi għamliet ta' fanali. Hawn fanali tal-ħadid, tal-ħġieġ jew plastik jew ukoll magħmulin mill-konkrit bil-faċċati tal-ħġieġ. Id-dawl iservi mhux biss biex juri l-passaġġi u jdawwal il-bankijiet, iżda għandu jdawwal ukoll xi ftit is-siġar jew xi funtana jew vaska tal-ħut. (*par. 3*)

Biċċa għamara oħra fil-ġnien tista' tkun xi kannizzata li fuqha wieħed jista' jtella' xi dielja jew xi pjanta li tixxeblek. Il-kannizzata tista' tkun magħmula bil-wajer jew bil-kanen. Inkella, jekk wieħed irid ikun artistiku, jista' jagħmel il-kannizzata ta' l-injam. (*par. 4*)

Ma tantx hi ħaġa komuni li wieħed jara ġnien mingħajr qsari għax dawn huma popolari ħafna. Il-qsari jistgħu jkunu tal-ġebel jew tal-fuħħar. Ta' min isemmi wkoll il-qsari li jiddendlu. Insibu wkoll qsari tawwalin li jitqiegħdu fuq xi ħitan baxxi biex ikomplu jżejnu l-ġnien. (*par. 5*)

Fi ġnien daqsxejn imdaqqas wieħed jista' jżejjen b'funtana li tista' tinkludi wkoll xi skultura. Wieħed jista' juża wkoll xi statwi barra l-funtana. Dawn iżda jridu jkunu jaqblu mad-disinn tad-dar jew ma' tal-ġnien. (*par. 6*)

(Addattament minn *Il-Ġardinaġġ Malti* ta' Joseph Borg - **Kullana Kulturali** - nru. 28)

## A. FEHIM IT-TEST (7 marki)

1. Għaliex huwa tajjeb li tarma l-ġnien? (*par. 1*) ______________________________
______________________________________________________________________ (1)

2. Semmi kwalità waħda ta' bank li jista' jitqiegħed fil-ġnien. (*par. 2*)
______________________________________________________________________ (1)

3. Agħti żewġ raġunijiet għaliex huwa importanti li jitqiegħed id-dawl elettriku. (*par. 3*)
______________________________________________________________________ (2)

4. Għaliex tista' tintuża kannizzata fil-ġnien? (*par. 4*) ______________________________
______________________________________________________________________ (1)

5. Fejn tista' ssib il-qsari fil-ġnien? (*par. 5*) ______________________________ (1)

6. Xi trid tiftakar meta tagħmel funtana jew statwa biex bihom iżżejjen il-ġnien? (*par. 6*)
______________________________________________________________________ (1)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (23 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

8. Mit-tieni paragrafu ikteb il-kelma li turik kif l-awtur iħares lejn il-ħajja ta' llum.

______________ (1)

9. *Il-ħajja tal-ġnien ma titgawdiex biss matul il-ġurnata waqt id-dawl tax-xemx.* (*par. 3*) Ikteb il-kelmiet li juru li l-ħajja tal-ġnien ma tagħtix gost biss matul il-ġurnata.

______________________ (1)

10. *Il-kannizzata tista' tkun magħmula...* (*par. 4*) Il-kelmiet ***tista' tkun*** ifissru:

żgur ☐ mhux bil-fors ☐ (1)

11. Mis-sitt paragrafu ikteb il-kelma li turi l-ġnien bħala wieħed kemmxejn kbir.

____________________ (1)

12. *Dawn iżda jridu jkunu jaqblu... (par. 6)* Għalxiex qiegħed jirreferi il-pronom ***Dawn***?

____________________ (1)

## (ii) LESSIKU/VOKABULARJU

13. Mill-paragrafi mogħtija sib il-kelma li tfisser l-istess bħal:

qodma (*par. 2*) ________________ forom (*par. 3*) ______________________

famużi (*par. 5*) ________________ ħaġar (*par.5*) ______________________ (4)

## (iii) SINTASSI/SENTENZA

14. Għaqqad iż-żewġ sentenzi billi tuża l-kelma adattata minn dawk fil-parentesi. (bilkemm, għalkemm, għaliex)

*Fi ġnien daqsxejn imdaqqas wieħed jista' jżejjen b'funtana li tista' tinkludi wkoll xi skultura. Wieħed jista' juża wkoll xi statwa barra l-funtana.* (*par. 6*)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

## (iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

15. Għaqqad il-partiċella ma' l-artiklu. - Ħares it-tfal żgħar (minn + l-) _______ għodda tal-ġnien. (1)

16. *...wieħed jista' jgawdi l-ġnien.* (*par. 3*) Għaliex l-artiklu ***l-*** mhuwiex miktub bil-vokali ***i*** quddiem?

______________________________________________________________________ (1)

17. a) Mit-tieni paragrafu ikteb nom fl-għadd imtenni. ______________________ (1)

b) Agħti l-plural miksur ta': xibka - ______________________________________ (1)

ċ) Agħti l-kollettiv ta': warda - _________________________________________ (1)

18. a) Ikteb *bank twil* fil-plural. _________________________________________ (2)

b) *Ma tantx hi ħaġa komuni li wieħed jara ġnien mingħajr qsari.* (*par. 5*) Ikteb in-nom u l-aġġettiv. __________________________ (1)

19. Mill-ewwel paragrafu agħti:

superlattiv - ______________________ komparattiv - ______________________ (2)

20. Ikteb fis-singular: *qsari tawwalin* (*par. 5*) ______________________________ (2)

21. *statwi* (*par. 6*) - Immarka t-tajba.

plural sħiħ ☐ plural miksur ☐ (1)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (6 marki)

### Idjomi u Verbi Frażjali (Ħin u Żmien)

1. Daħħal dawn l-espressjonijiet f'sentenzi biex turi x'ifissru.

a) għaddieh biż-żmien - ____________________________________________

____________________________________________________________ (1)

b) ħallas bin-nifs - ____________________________________________

____________________________________________________________ (1)

2. Ikteb l-idjoma/il-verb frażjali u agħti t-tifsira.

a) Ma stajtx immur għal-laqgħa organizzata mill-*Għaqda tal-Kaktus* għaliex din ħabtet ma' laqgħa oħra li kelli. - ______________________ (1)

b) Tifsira - ____________________________________________ (1)

ċ) Karen ħabtet bil-karozza u marret għand Alla ta' għoxrin sena. ______________ (1)

d) Tifsira - ______________________ (1)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (6 marki)

F'madwar sittin kelma ikteb djalogu bejnek u Mario, il-ġennien li jieħu ħsieb il-ġnien tar-raħal.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI - FOLKLOR (6 marki)

i) Xi tfisser il-kelma **folklor**? ______________________________

______________________________ (1)

ii) Ikteb ħames sentenzi biex tgħid kif ippjanajt il-proġett dwar il-folklor. (5)

✐ ______________________________

______________________________

✐ ______________________________

______________________________

✐ ______________________________

______________________________

✐ ______________________________

______________________________

✐ ______________________________

______________________________

## F. (i) LETTERATURA - NADRIET 1 (10 marki)

Wieġeb A, B, Ċ

A. **Tifħira Lil Malta** ta' Ġan Anton Vassallo

U l-art tiegħek kulma tagħmel
Kollu tajjeb, kollu bnin;
Ġewwa bliethom il-frott tiegħek
Jixtiquh il-barranin.

1. Din l-istrofa tissejjaħ ________________. (1)
2. Agħti ż-żewġ kelmiet li jirrimaw: ________________ ________________ (1)
3. X'jixtiequ li jkollhom il-barranin skond din l-istrofa? ____________________ (1)
4. X'tissejjaħ dik it-tip ta' poeżija li turi mħabba lejn dak kollu li huwa Malti?

   ____________________ (1)

B. F'madwar għoxrin kelma ikteb dwar *San Franġisk U L-Gamiem* ta' Ġużè Delia.

(3)

Ċ. **Aktar Nadriet Poetiċi**

| |
|---|
| *Distanza* ta' Tarcisio Zarb, *Il-Ħerża* ta' Marjanu Vella, *Tristis Est Anima Mea* ta' Rużar Briffa, *Dik Mewġa!* ta' Anastasju Cuschieri, *Xmara Ħamra, Bruka Xiħa* ta' Victor Fenech, *Raħal Twelidi* ta' Karmenu Vassallo, *Il-Kebbies tal-Fanali* ta' Anton Buttigieg, *Xita* ta' Mary Meylak. |

Agħżel poeżija waħda mil-lista u f'żewġ sentenzi ikteb il-ħsieb prinċipali tagħha.

(3)

## F. (ii) LETTERATURA - PROŻA (22 marka)

Agħżel mistoqsija **WAĦDA** minn A, B, Ċ u ikteb madwar tletin kelma. (10 marki)

A. **Stejjer Minn Tarf Ir-Raħal** ta' Ġorġ Borġ

Ikteb fi kliemek l-istorja *In-Niżla tal-Ganċ* u għid x'ried jgħallimna l-kittieb b'din l-istorja.

**JEW**

B. **Fra Martin u novelli oħra** ta' Ġużè Chetcuti

Irrakkonta dwar xi ġralu Nenu fl-istorja *Sparar u Duħħan.*

**JEW**

Ċ. **Stejjer tal-Linka -** Sedqa

Agħżel **WAĦDA** u ikteb dwar dak li xtaq jgħid l-awtur dwar it-tfulija.

| |
|---|
| Il-*party* tiegħi, Bil-ħarqa u bil-*Limousine,* Sunny, Tarċisinu |

**Wieġeb**

D. **Meta Jaqa' ċ-Ċpar** ta' Trevor Żahra (12-il marka)

Agħżel karattru **WIEĦED** u ikteb dwar is-sehem tiegħu fil-ġrajja tar-rumanz f'madwar ħamsin kelma.

| John, Helen, Marthese, Frankie, Pawlu |
|---|

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata)

1. Il-ġnien tad-dar tiegħek u l-ġnien pubbliku tar-raħal tiegħek. - Differenza u/jew xebh bejniethom.
2. Iddeskrivi l-karattru ta' erbgħa mill-ġirien li joqogħdu ħdejk.
3. Ikteb dwar ix-xogħol interessanti ta' persuna li taf.
4. Iddeskrivi t-tiżjin u l-atmosfera tar-raħal dak in-nhar tal-festa.
5. Kont mistieden/mistiedna mill-ħabib/a biex flimkien mal-familja tiegħu/tagħha tmur barbikju. Ikteb dwar din l-attività.